

32001L0002

L 5/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

10.1.2001

## ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2001/2/KE

ta' l-4 ta' Jannar 2001

li tadatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE dwar l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 1999/36/KE tad-29 ta' April 1991 dwar l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr <sup>(1)</sup>, b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 1999/36/KE jistipula li reċipjenti ġodda u tankijiet ġodda għandhom ikunu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 94/55/KE tal-21 ta' Novembru 1994 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward it-trasport tal-merkanzija perikoluża bit-triq <sup>(2)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/61/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, kif ukoll li dawn għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE tat-23 ta' Lulju 1996 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward it-trasport tal-merkanzija perikoluża bil-ferrovija <sup>(4)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup>.
- (2) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali tal-Merkanzija Perikoluża bit-Triq (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ADR) u r-regolment dwar it-trasport internazzjonali tal-merkanzija perikoluża bil-ferrovija (minn issa 'l quddiem imsejjaħ RID) <sup>(6)</sup>, flimkien ma' l-emendi tagħhom, huma annessi mad-Direttivi 94/55/KE u 96/49/KE rispettivament. Verżjoni ġdida ta' l-ADR u l-RID għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2001.
- (3) L-Anness V li jinsab mad-Direttiva 1999/36/KE jistabbilixxi l-moduli li għandhom jiġu segwiti għall-valutazzjoni dwar il-konformità tar-reċipjenti ġodda u tankijiet ġodda. Dawn id-dispożizzjonijiet ma jikkonformawx aktar mal-verżjoni l-ġdida ta' l-ADR u l-RID. B'konsewgenza, dan l-Anness għandu jiġi emendat.
- (4) L-emendi meħtieġa biex jiġu adattati l-Annessi li jinsabu mad-Direttiva 1999/36/KE għandhom jiġu adottati skond l-artikolu 14 tad-Direttiva, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tagħha.

- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 1999/36/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

## L-Artikolu 1

It-test ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 1999/36/KE qiegħed jinbidel bit-test ta' l-Anness li jinsab ma' din id-Direttiva.

## L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2001. Dawn għandhom minnufih jinformat lill-Kummissjoni dwar dan.

Fejn l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir dik ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

## L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fis-seba' jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

## L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Jannar 2001.

Għall-Kummissjoni

Loyola DE PALACIO

Viċi-President

<sup>(1)</sup> ĠU L 138, ta' l-1.6.1999, p. 20.

<sup>(2)</sup> ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 7.

<sup>(3)</sup> ĠU L 279, ta' l-1.11.2000, p. 40.

<sup>(4)</sup> ĠU L 235, tas-17.9.1996, p. 25.

<sup>(5)</sup> ĠU L 279, ta' l-1.11.2000, p. 44.

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament imniżżel fl-Anness I li jinsab ma' l-Appendiċi B tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali tal-Merkanzija bil-Ferrovija (COTIF).

## L-ANNESS

## "L-ANNESS V

**IL-MODULI LI GĦANDHOM JIĠU SEGWITI GĦALL-VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ**

It-tabella li ġeja turi liema moduli tal-valutazzjoni tal-konformità kif deskritti fl-Anness IV, il-Parti I, għandhom jiġu segwiti fil-każ ta' l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr kif definit fl-Artikolu 2(1).

| Kategoriji ta' apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr                                                                                                                          | Moduli                                                                                                                  |
|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| 1. Ir-reċipjenti li dwarhom it-test ta' pressjoni u l-kapaċità jkunu ta' mhux aktar minn 30 MPa × litru (300 bar × litru),                                                      | A1, jew D1 jew E1                                                                                                       |
| 2. Ir-reċipjenti li dwarhom il-prodott tal-prodott tat-test ta' pressjoni u l-kapaċità jkunu aktar minn 30 u mhux aktar minn 150 MPa × litru (300 bar × litru rispettivamente), | H, jew B b'kombinazzjoni ma' E, jew B b'kombinazzjoni ma' C1 jew B1 b'kombinazzjoni ma' F, jew B1 b'kombinazzjoni ma' D |
| 3. Ir-reċipjenti li dwarhom il-prodott tat-test ta' pressjoni u l-kapaċità jkunu aktar minn 150 MPa × litru (1 500 bar × litru), u l-istess għat-tankijiet                      | G, jew H1, jew B f'kombinazzjoni ma' D, jew B f'kombinazzjoni ma' F                                                     |

*L-avviż 1.* L-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr għandu jkun suġġett, skond l-għażla tal-manifatturier, għal waħda mill-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità mniżżla fil-kategorija li fiha jiġi kklassifikat. Fil-każ ta' reċipjenti, jew il-valvoli tagħhom jew ta' aċċessorji oħra użati għat-trasport, il-manifatturier jista' wkoll jagħżel li japplika waħda mill-proċeduri ffixxati għal kategoriji ogħla.

*L-avviż 2.* Bħala parti mill-proċeduri biex tiġi żgurata l-kwalità, il-korp innotifikat għandu, meta jagħmel viżti għal għarrieda, jieħu kampjun ta' l-apparat fil-post fejn dawn jiġu mmanifatturati jew maħżuna bl-iskop li jagħmel verifika, jew li jġiegħel lil min jagħmel verifika, biex tiġi vverifikata l-konformità mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva. Għal dan il-għan il-manifatturier għandu javża lill-korp innotifikat bil-programm tal-produzzjoni li jkun ippjanat. Il-korp innotifikat għandu jwettaq ta' l-anqas żewġ viżti matul l-ewwel sena tal-manifattura. Il-frekwenza tal-viżti sussegwenti tiġi stabbilita mill-korp innotifikat fuq il-bażi tal-kriterji mniżżla fil-punt 4.4 tal-moduli rilevanti fl-Anness IV, il-Parti I."